*Kitba ta'* **Guido Lanfranco**



# *Tiġrijiet fil-Festi ta' l-Imgħoddi*

Il-festi ta' dari kellhom fatturi għalihom kollha kullimkien. Fil-festi esterni ta' kullimkien, b'eċċezzjonijiet żgħar, kien ikollhom dejjem il-purċissjonijiet, il-logħob tan-nar (li fl-imgħoddi kien ikun aktar bil-maskli), l-armar u mixegħla (li kien ikun bil-friegħi tal-liedna ħajja u bit-tazzi taż-żejt), il-banda (li għall-ewwel kienet bil-flawtijiet, vjolini, tnabar u xi strument ieħor, flimkien jew separatament), ħġejjeġ u t-tiġrijiet, u jekk ikunu postijiet qrib il-baħar kienu jsiru tlielaq tad-dgħajjes u l-ġostra.

Fi żmienna t-tiġrijiet jew tlielaq m'għadhomx parti mill-festi, għalkemm hemm postijiet u okkażjonijiet fejn jorganizzawhom. Imma fl-imgħoddi, it-tiġrijiet kienu jsiru għax in-nies kienu jmorru għall-festi bil-karrettuni u jinġabru għadd kbir ġmielu ta' nies bil-bhejjem tagħhom. Meta kienu jinġabru n-nies bil-bhejjem, dawn kienu jaslu kmieni, xi drabi wkoll minn lejlet il-festa u meta jinzerta s-sajf jorqdu barra. Kienu jqattgħu l-jum tal-festa jieklu u jgħannu, imma biex jgħaddu ż-żmien kienu jibdew itellqu l-bhejjem tagħhom, li kienu bgħula, żwiemel, dwieb u ħmir.

Dawn it-tlielaq tal-bhejjem għall-ewwel kienu spontanji jew deċiżjonijiet tal-mument, imma meta l-festa kienet tkun nazzjonali, bħall-Imnarja, tal-Karmnu fir-Rabat u l-Imdina u San Ġwann Battista l-Belt, meta nies jinġabru aktar, kien jorganizzahom il-gvern, u jingħataw paljijiet jew premjijiet oħra.

Fost il-festi li fihom kienu jsiru t-tiġrijiet tal-bhejjem kien hemm dik tal-Konti Ruġġieru fir-Rabat, ta' Lapsi (bħal fl-1778) li ħallas għaliha l-Gran Mastru, ta' Sant'Elena f'Birkirkara fejn kienu jsiru wkoll it-tlielaq ta' l-irġiel, ta' Santu Rokku fis-16 ta' Awissu minn wara l-pesta ta' l-1592-3, minn barra oħrajn f'Malta. F'Għawdex kienu jsiru f'Sannat, Kerċem, il-Qala, in-Nadur, ix-Xewkija, Għajnsielem u nhar Santa Marija taċ-Ċittadella f'Għawdex.

Meta Gran Mastru kien jieħu l-pussess simboliku ta' l-Imdina kienu jsiru t-tiġrijiet, bħal meta De Vilhena nħatar u daħal l-Imdina fl-1722, De Rohan fl-1775 u Hompesch, li laħaq fl-1797.

Kienu jsiru tiġrijiet ukoll f'okkażjonijiet speċjali, bħal meta l-Ewropa rebħet lil Napuljun f'Mejju 1814, il-Belt, meta l-Franċiżi, waqt l-okkupazzjoni tagħhom ta' Malta fl-1798, iċċelebraw fl-14 ta' Lulju, ir-rebħa fuq il-Bastilja fir-rivoluzzjoni tagħhom ta' l-1789, u meta l-gvernatur Maitland għamel żjara f'Għawdex fl-1814. It-tiġrijiet kienu jsiru wkoll fil-festi ta' meta isqof ġdid jieħu l-pussess, bħal meta Bartolomeo Rull daħal fl-Imdina fl-1758, meta Francesco Saverio Caruana nħatar isqof fl-1832, u meta Michele Francesco Buttigieg sar isqof u rritorna f'Għawdex minn Ruma fl-1863.

F'Tas-Sliema kienu jsiru tiġrijiet f'xi festi u okkażjonijiet oħra. Meta fl-1881 fil-Belt saret l-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Karmnu, f'Tas-Sliema saru festi speċjali. It-tiġrijiet kienu ntgħoġbu u baqgħu jsiru għal diversi snin mix-Xatt lejn il-Gżira, u wara f'Ta' Xbiex, u fl-aħħar baqgħu jsiru biss fl-Imdina bħalma kienu jsiru fl-antik. Imma f'Tas-Sliema diġà kienu jsiru festi f'Tal-Karmnu qabel l-1881.

Fix-Xatt kienu jsiru wkoll tiġrijiet fil-festi ta' *l'Otto Settembre* jew il-Vitorja (bħala eżempju, fl-1889) minħabba li kien hemm każin tal-banda msemmi b'titolu tal-kavallieri. Din il-festa, għalkemm kienet ilha ssir minn wara l-Assedju l-Kbir ta' l-1565, ġiet dikjarata nazzjonali biss mill-1922, wara li Malta kellha l-gvern tagħħa fl-1921. Fil-festa ta' Stella Maris ukoll ġieli organizzaw tlielaq tal-bhejjem.

Okkażjonijiet speċjali oħra f'Tas-Sliema li fihom saru t-tiġrijiet kienu meta fl-1902 saret l-Inkurunazzjoni tar-Re Dwardu VII, u meta f'Għar id-Dud kien hemm iċ-Ċirklu jew kummiedja, kif konna ngħidulha, stil *western*, ta' l-hekk imsejjaħ Bill Cody, u ż-żiemel li rikeb għall-okkażjoni ibnu ż-żgħir kien ħa l-ewwel.